**22 ta' Marzu, 1958**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Gużeppi Schembri

**Indiġenza — Reat tal-Kap ta' Familja li Jħalli l-Mara fil-Bżonn — Separazzjoni Personali — Alimenti.**

*Jekk mara tagħmel kawża kontra r-raġel għas-separazzjoni personali tagħha minnu, u l-Qorti takkordalha b'digriet l-alimenti provviżorji, li r-raġel iħallasha regolarment, dan ma jistgħux jiġi ritenut li ħall'ha fil-bżonn jekk ma jkomplix iħallasha dik ir-retta alimentarja għax hija tkun otteniet mandat ta' sekwestru fuq iċ-ċespiti finanzjarji kollha tiegħu, u tkun ġiebitu f'pożizzjoni li saħansitra hu jsib ruħu kostrett jagħmel arranġamenti għal self biex ikompli jgħix.*

*Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, hu sempliċement assurd li tiġi addebitata lil dak ir-raġel din l-imputazzjoni, ċjoè li ħalla lill-martu fil-bżonn minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol. Dan ir-reat ma hux xi azzjoni kreditorja, u lanqas għandha l-imputazzjoni tiegħu ssir b'faċilità u korrentezza bħala sostitut għall-proċeduri ċivili. Jeħtieġ*

*li fic-cirkustanzi tal-fattispeċje jkun hemm xi element ta' "misconduct" ta' xorta kriminali, b'mod li jiġi offiż l-ordni publiku; u għalhekk il-liġi ma tikkuntentax ruħha bissempliċi fatt materjali li l-mara ma tkunx qegħedha tiġi alimentata, imma teżiġi wkoll jew l-iżregolatezza tar-raġel, jew 'n-nuqqas ta' kont għax-xogħol da parti tiegħu.*

*Jekk il-mara, f'każ simili, tagħżel li tagħlaq lir-raġel is-sorġenti li minnhom hu kien qiegħed iħallas anki r-retta tagħha, allura ma jistgħax jiġi addebitat "hu" bil-konsegwenzi talazzjoni tagħha kawtelatorja; hi tista' tieħu l-passi biex titħallas minn dawk l-istess sorġenti kolpiti minnha.*

*Lanqas jista' wieħed jippretendi, f'ċirkustanzi simili, li r-raġel imissu jagħmel xi arranġamenti ta' self biex ikompli jgħaddi r-retta alimentarja lill-martu; għaliex ma tista' qatt il-kontravvenzjoni fuq imsemmija tikkonsisti filli r-raġel jonqos li jagħmel self biex imantni lill-martu, meta kienet hi li ġiebitu fil-kondizzjoni li jkollu bżonn jissellef.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Ġużeppi Schembri quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli f'tal-Pjetà, f'dawn l-aħħar ġranet, ħalla lil martu Emmanuela fil-bżonn minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Jannar 1958, li biha sabitu ħati u kkundannatu għal £3 ammenda;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Dan il-proċess ma kienx imissu jiġi istitwit;

Deher mill-provi li bejn il-kontendenti kien hemm proċeduri għas-separazzjoni personali. Wara dawk il-proċeduri kien sar ftehim bonarju bejn l-appellant u martu fissens li hu jgħaddilha lira kulljum għall-manteniment

tagħha. Fil-fatt hija tgħix fl-istess dar mal-appellant, għalkemm f'ambjenti separati. L-appellant għandu miegħu fid-dar, minbarra żewġt itfal ta' ħutu, anki ż-żewġt itfal komuni li jaħseb għalihom hu. Dawn it-tfal offrew lill-mart l-appellant li jagħtuha l-ikel kif jieħdu huma; iżda hi rrifjutat. Għalhekk, il-lira ta' kulljum, ġaladarba mart l-appellant għandha diġà l-abitazzjoni tagħha (li hi parti tal-manteniment skond il-liġi) fid-dar stess tal-appellant, u ġaladarba għat-tfal qiegħed jaħseb hu, hija ntiża għall-għajxien tagħha biss. Din il-lira dijurna l-appellant ħallasha regolarment. Intant martu ntavolat proċeduri oħra għas-separazzjoni "a mensa et thoro", u "pendente lite" ġie mogħti id-digriet tal-alimenti provviżorji, li tiegħu hemm kopja fol. 7, għas-somma li fil-fatt l-appellant kien diġà qiegħed jgħaddi lill-martu, u li hi, kif jidher mill-korp tal-istess digriet, aċċettat, ċjoè lira kulljum, li hu kien u baqa' jħallas. F'daqqa waħda, mart l-imputat spikkat mandat ta' sekwestru kontra l-imputat għas-somma ta' £37,200 għall-alimenti, kalkulati, mhux aktar fuq il-bażi, minnha ġa aċċettata, ta' £1 "per diem", imma ta' £2 kulljum. B'dan is-sekwestru mart l-appellant ipparaliżżatu finanzjarjament; għaliex bih ikkolpietlu ċ-"cesptiti di entrata" tiegħu kollha. Infatti, is-sekwestru ġie magħmul f'idejn xi ħamsa u erbgħejn persuna, morali jew fiżika, b'mod li ġew immobilizzati l-flus tal-imputat fil-Banek, fil-War Damage Commission, u f'idejn il-partikular, inkwilini u oħrajn. Tant li hu stess kellu jagħmelranġamenti għal self biex ikompli jgħix;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, hu, biex wieħed jgħid lanqas, sempliċement assurd li tiġi lill-appellant addebitata din il-kontravvenzjoni, ċjoè li ħalla lill-martu fil-bżonn minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol. Din il-Qorti, kif presjeduta, kellha diversi okkażjonijiet biex tirrileva li dan ir-reat ma hux xi azzjoni kreditorja, u lanqas għandha l-imputazzjoni tiegħu ssir b'faċilità u korrentezza bħala sostitut kommodu għall-proċeduri ċivili. Jeħtieġ li fiċ-ċirkustanzi tal-fatti speċje jkun hemm xi element ta' "misconduct" ta' xorta kriminali, b'mod li jiġi offiż l-ordni publiku; u għalhekk il-liġi ma tikkuntentax ruħha bis-sempliċi fatt materjali li l-mara ma tkunx qegħedha tiġi alimentata, imma teżiġi wkoll jew l-iżregola-

tezza tar-raġel, jew in-nuqqas ta' kont għax-xogħol mill-parti tiegħu;

F'dan il-każ, l-appellant kien qiegħed iħallas lill-martu regolarment ir-retta mifthema, u mbgħad adottata bħala bażi tad-digriet fuq imsemmi. Waqaf mill-ħlas mħabba s-sekwestru li ġie spedit minn martu. Jekk hi għażlet li tagħlaqlu s-sorġenti li minnhom kien qiegħed jħallas anki r-retta tagħha, allura ma jistgħax jiġi addebitat "hu" bil-konsegwenzi tal-azzjoni kawtelatorja tagħha. Hi tista' tieħu l-passi biex titħallas minn dawk l-istess sorġenti kolpiti minnha;

Il-Prosekuzzjoni donnha ppretendiet li l-appellant għandu issa jagħmel ranġamenti ta' self anki biex ikompli jgħaddi r-retta lill-martu. Dan l-assunt hu għal kollox insostenibbli; għaliex ma tista' qatt il-kontravvenzjoni fuq imsemmija tikkonsisti fili r-raġel jonqos li jagħmel self biex imantni lill-martu, meta kienet hi li ġiebitu fil-kondizzjoni li jkollu bżonn jissellef. Issemma wkoll li hemm xi bini mhux kolpit; imma l-appellant spjega li hu jrid iħallas iċ-ċnus u spejjeż oħra ta' manutenzjni tal-bini;

Il-Qorti, għalhekk, tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-appellant mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.